



Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Gwida għall-Istati Membri dwar  
Ammonti Rtirati, Ammonti Rkuprati, Ammonti li  
għandhom jiġi Rkuprati u Ammonti Irrekuperabbi

**RINUNZJA:** Dan huwa dokument imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tad-dritt tal-UE applikabbli, huwa jipprovdi gwida teknika lill-kolleġi u lil korpi oħrajin involuti fil-monitora għġieg, il-kontroll jew l-implementazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)) dwar kif għandhom jiġi interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi spjegazzjonijiet u interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-regoli msemmijin sabiex jiffaċilitaw l-implementazzjoni tal-programmi u jħeġġu l-prattika(i) tajba(in). Din in-nota ta' gwida hija mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

## Werrej

1.	SFOND.....	7
1.1.	Referenzi regolatorji.....	7
1.2.	Skop tal-gwida.....	9
1.3.	Differenzi ewlenin fil-perjodu 2007-2013 .....	9
2.	DISTINZJONI BEJN L-IRTIRAR U L-IRKUPRU .....	10
3.	L-OBBLIGU TAL-ISTATI MEMBRI BIEX JEVITAW, JIDENTIFIKAW U JIKKOREĠU L-IRREGOLARITAJIET, INKLUŻ IL-FRODI .....	11
3.1.	Implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji.....	11
3.2.	Kanċellazzjoni ta' kontribuzzjoni pubblika .....	12
3.3.	Ammonti irrekuperabbli .....	13
3.4.	Divulgazzjoni fil-kontijet .....	13
4.	SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI RTIRATI U RKUPRATI MATUL IS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 2 TAL-ANNESS VII TAR-RIK) .....	14
4.1.	Spiegazzjonijiet fil-kolonni (A) u (B) tal-Appendiċi 2 .....	14
4.1.1.	Kolonna A .....	14
4.1.2.	Kolonna B.....	14
4.2.	Spiegazzjonijiet fil-kolonni (C) u (D) tal-Appendiċi 2 .....	15
4.2.1.	Kolonna C.....	15
4.2.2.	Kolonna D .....	

### Table of Contents

1.	SFOND.....	7
1.1.	Referenzi regolatorji.....	7
1.2.	Skop tal-gwida.....	9
1.3.	Differenzi ewlenin fil-perjodu 2007-2013 .....	9
2.	DISTINZJONI BEJN L-IRTIRAR U L-IRKUPRU .....	10
3.	L-OBBLIGU TAL-ISTATI MEMBRI BIEX JEVITAW, JIDENTIFIKAW U JIKKOREĠU L-IRREGOLARITAJIET, INKLUŻ IL-FRODI .....	11
3.1.	Implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji.....	11
3.2.	Kanċellazzjoni ta' kontribuzzjoni pubblika .....	12
3.3.	Ammonti irrekuperabbli .....	13
3.4.	Divulgazzjoni fil-kontijet .....	13
4.	SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI RTIRATI U RKUPRATI MATUL IS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 2 TAL-ANNESS VII TAR-RIK) .....	14
4.1.	Spiegazzjonijiet fil-kolonni (A) u (B) tal-Appendiċi 2 .....	14
4.1.1.	Kolonna A .....	14
4.1.2.	Kolonna B.....	14
4.2.	Spiegazzjonijiet fil-kolonni (C) u (D) tal-Appendiċi 2 .....	15
4.2.1.	Kolonna C.....	15

4.2.2. Kolonna D .....	15
5. SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI RKUPRATI MATUL IS-SENA KONTABILISTIKA SKONT L-ARTIKOLU 71 TAR-RDK - DURABILITÀ TAL-OPERAZZJONIJET (APPENDIĊI 4 TAL-ANNESS VII TAR-RIK) .....	15
6. SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI LI GĦANDHOM JIĠU RKUPRATI FL-AĦĦAR TAS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 3 TAL-ANNESS VII TAR-RIK).....	15
6.1. Spjegazzjonijiet fil-kolomni (A) u (B) tal-Appendiċi 3 .....	16
6.1.1. Kolonna A .....	16
6.1.2. Kolonna B.....	17
7. SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI IRREKUPERABBLI FL-AĦĦAR TAS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 5 TAL-ANNESS VII TAR-RIK).....	17
8. PARIR DWAR IT-TLESTIJA TAL-ANNESS VII TAR-RIK 1011/2014 .....	18
8.1. Ġenerali .....	18
8.1.1. Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa fil-livell ta' priorità .....	18
8.1.2. Format meħtieġ.....	18
8.1.3. Rata tal-kambju li għandha tintuża mill-pajjiż li mħumiex fiż-żona tal-Euro .....	18
8.1.4. Aġġustamenti magħmulin għal raġunijiet tekniċi jew żbalji klerikali.....	18
8.1.5. Qsim tal-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena kontabilistika permezz tas-sena kontabilistika tad-dikjarazzjoni tan-nefqa.....	18
8.1.6. Divulgazzjoni tal-ammonti kkoreġuti b'rizzultat tal-awditjar tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 127 (1) tar-RDK.....	19
8.1.7. Total/Pubbliku .....	19
8.1.8. Imġħax.....	19
8.2. Tnaqqis mill-kontijiet tal-ammonti relatati mal-applikazzjonijiet għall-pagamenti magħmulin matul is-sena kontabilistika .....	19
8.2.1. Valutazzjoni (iffinalizzata jew mhux iffinalizzata) tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal-pagament <i>interim</i> finali sal-31 ta' Lulju fis-sena N-1 u qabel it-trażmissjoni tal-kontijiet (sal-15 ta' Frar fis-sena N) .....	19
8.3. Irtirar tal-ammonti li jkunu nstabu li huma irregolari wara s-sottomissjoni tal-kontijiet .....	20
8.4. Kwistjonijiet relatati mal-irkupru tal-ammonti li nstabu li huma rregolati wara s-sottomissjoni tal-kontijiet. ....	21
9. IL-KUNDIZZJONIJIET U L-PROĊEDURI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI BIEX JIĠI DETERMINAT JEKK L-AMMONTI LI HUMA IRREKUPERABBLI GĦANDHOMX JIĠU RIMBORŻATI MILL-ISTATI MEMBRI.....	21
10. AMMONTI LI STAT MEMBRU JIDDEĊIEDI LI MA JIRKUPRAX U LI MA JAQBŻUX IL-EUR 250 B'KONTRIBUZZJONI MILL-FONDI.....	22
11. SOMMARJU. KIF GĦANDHOM JIĠU TRATTATI L-IRREGOLARITAJIET FIL-KONTIJIET .....	23

5.	SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI RKUPRATI MATUL IS-SENA KONTABILISTIKA SKONT L-ARTIKOLU 71 TAR-RDK - DURABILITÀ TAL-OPERAZZJONIJET (APPENDIĊI 4 TAL-ANNESS VII TAR-RIK) .....	15
6.	SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI LI GĦANDHOM JIĠU RKUPRATI FL-AĦĦAR TAS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 3 TAL-ANNESS VII TAR-RIK).....	15
6.1.	Spjegazzjonijiet fil-kolонni (A) u (B) tal-Appendiċi 3 .....	16
6.1.1.	Kolonna A .....	16
6.1.2.	Kolonna B.....	17
7.	SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI IRREKUPERABBLI FL-AĦĦAR TAS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 5 TAL-ANNESS VII TAR-RIK).....	17
8.	PARIR DWAR IT-TLESTIJA TAL-ANNESS VII TAR-RIK 1011/2014 .....	18
8.1.	Ġenerali .....	18
8.1.1.	Informazzjoni li għandha tīgi sottomessa fil-livell ta' priorità .....	18
8.1.2.	Format meħtieġ.....	18
8.1.3.	Rata tal-kambju li għandha tintuża mill-pajjiżi li mħumiex fiż-żona tal-Euro .....	18
8.1.4.	Aġġustamenti magħmulin għal raġunijiet tekniċi jew żbalji klerikali.....	18
8.1.5.	Qsim tal-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena kontabilistika permezz tas-sena kontabilistika tad-dikjarazzjoni tan-nefqa.....	18
8.1.6.	Divulgazzjoni tal-ammonti kkoreġuti b'riżultat tal-awditjar tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 127 (1) tar-RDK.....	19
8.1.7.	Total/Pubbliku .....	19
8.1.8.	Imgħax .....	19
8.2.	Tnaqqis mill-kontijiet tal-ammonti relatati mal-applikazzjonijiet għall-pagamenti magħmulin matul is-sena kontabilistika .....	19
8.2.1.	Valutazzjoni (iffinalizzata jew mhux iffinalizzata) tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal pagament <i>interim</i> finali sal-31 ta' Lulju fis-sena N-1 u qabel it-trażmissjoni tal-kontijiet (sal-15 ta' Frar fis-sena N) .....	19
8.3.	Irtirar tal-ammonti li jkunu nstabu li huma irregolari wara s-sottomissjoni tal-kontijiet .....	20
8.4.	Kwistjonijiet relatati mal-irkupru tal-ammonti li nstabu li huma irregolari wara s-sottomissjoni tal-kontijiet .....	21
9.	IL-KUNDIZZJONIJET U L-PROĊEDURI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI BIEX JIĠI DETERMINAT JEKK L-AMMONTI LI HUMA IRREKUPERABBLI GĦANDHOMX JIĠU RIMBORŻATI MILL-ISTATI MEMBRI.....	21
10.	AMMONTI LI STAT MEMBRU JIDDEĊIEDI LI MA JIRKUPRAX U LI MA JAQBŻUX IL-EUR 250 B'KONTRIBUZZJONI MILL-FONDI.....	22

11. SOMMARJU. KIF GĦANDHOM JIĠU TRATTATI L-IRREGOLARITAJIET FIL-KONTIJIET .....	23
--	----

## **LISTA TA' AKRONOMI U ABBREVJAZZJONIJIET**

AA	Awtorità tal-Auditjar
AĊ	Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni
RDK	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru xxx/2016 ta' xxx 2016 dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati biex jiġi determinat jekk l-ammonti li huma irrekuperabbli għandhomx jiġu rimborżati mill-Istati Membri (skont il-proċedura ta' approvazzjoni)
RDK	Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013
RIK	Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014 tat-22.9.2014
FEMS	Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd
FSIE	L-FSIE jikkorrispondi għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Din il-gwida tapplika għall-fondi kollha īlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).
KTE	Ir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013)
KI	Korp Intermedju
AĠ	Awtorità Ġestjonarja
SĠK	Sistema ta' Ġestjoni u ta' Kontroll
IIŻ	Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ

## 1. SFOND

### 1.1. Referenzi regolatorji

Regolament	Artikoli
(UE) Nru 1303/2013 Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni <i>(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ RDK)</i>	<p>L-Artikolu 72 (h) – is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għandhom jipprovd u għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet, inkluż il-frodi, u l-irkupru ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu, flimkien ma' kwalunkwe mgħax fuq pagament tard.</p> <p>L-Artikolu 122(2) – meta ammonti li ma kellhomx jitħallsu lil beneficijajru ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati u dan huwa riżultat ta' tort jew negliġenza ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jirrimborża l-ammonti kkonċernati lill-baġit tal-Unjoni.</p> <p>L-Artikoli 126 (b) u 137(1) - il-kontijiet huma ppreparati mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni għal kull programm operazzjonali u Fond. Dawn il-kontijiet għandhom ikopru s-sena kontabilistika inkluż l-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena kontabilistika, l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena kontabilistika, l-irkupri magħmlulin skont l-Artikolu 71 matul is-sena kontabilistika u l-ammonti irrekuperabbi fl-aħħar tas-sena kontabilistika.</p> <p>L-Artikolu 143(2) - l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa b'raba mal-irregolaritajiet individwali jew sistemiċi identifikati fl-operazzjonijiet jew programmi operazzjonali</p> <p>L-Artikoli 137-139 – Preparazzjoni, sottomissjoni ta' informazzjoni, eżami u aċċettazzjoni tal-kontijiet</p>
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014 tat-22.9.2014	L-Artikolu 7 – mudell għall-kontijiet
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru xxx/2016 ta' xx/xx/2016 dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġi applikati biex jiġi determinat jekk l-ammonti li huma irrekuperabbi għandhomx jiġu rimborżati mill-Istati Membri	Skont il-proċedura ta' approvazzjoni



## 1.2. Skop tal-gwida

L-iskop ta' din in-nota ta' gwida huwa li tipprovdi

- gwida dwar kif wieħed għandu jissottometti l-informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-irtirar, l-irkupri, l-ammonti li għandhom jiġi rkuprati u l-ammonti li huma irrekuperabbi bl-użu tat-tabelli mudell tal-Appendiċi 2, 3, 4 u 5 tal-Anness VII tar-RIK 1011/2014 fis-sistema ta' skambju elettroniku SFC 2014;
- parir komplementari dwar it-tlestija tal-Appendiċi 2, 3, 4 u 5;
- kjarifik iċċertifikati dwar id-distinzjoni bejn l-irtirar u l-irkupru;
- gwida dwar il-proċedura li permezz tagħha Stat Membru jista' jagħmel talba lill-Kummissjoni li ammont irrekuperabbi, li qabel kien inkluż f'kontijiet iċċertifikati, ma għandux jiġi rimborżat lill-baġit tal-Unjoni meta jitqies li dan ikun eżawrixxa l-possibbiltajiet kollha ta' rkupru disponibbli permezz tal-qafas istituzzjonali u legali nazzjonali.

## 1.3. Differenzi ewlenin fil-perjodu 2007-2013

Suġġett/proċedura	2014-2020	2007-2013
Ċertifikazzjoni li n-nefqa tkun konformi mal-liġi applikabbi	Skont l-Artikolu 126 (b) tar-RDK iċ-ċertifikazzjoni li n-nefqa tkun konformi mal-liġi applikabbi hija pprovdu mill-AC darba f'sena fil-kontijiet.	Skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) 1083/2006 iċ-ċertifikazzjoni li n-nefqa tkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali hija pprovdu mill-AC f'kull applikazzjoni għal ħlas.
Skeda ta' żmien għar-rappurtar	Il-kontijiet li għandhom jiġi sottomessi qabel il-15 ta' Frar fis-sena N għandhom jinkludu informazzjoni fuq l-ammonti rtirati, l-ammonti rkuprati, l-ammonti li għandhom jiġi rkuprati u l-ammonti irrekuperabbi, kif stabbilit fl-Artikolu 137 tar-RDK.	Ir-rappurtar fuq l-ammonti rtirati, l-ammonti rkuprati, l-ammonti li għandhom jiġi rkuprati u l-ammonti irrekuperabbi għandu jsir qabel il-31 ta' Marzu fis-sena N
Il-proċedura biex issir talba lill-Kummissjoni li ammont irrekuperabbi 'l fuq minn EUR 250 b'kontribuzzjoni mill-Fondi ma għandux jiġi rimborżat mill-Istat Membru	Proċedura parallela għar-rappurtar tal-kontijiet stabilita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru xxx/2016 ta' xx/xx/2016: fejn Stat Membru jqis li ammont irrekuperabbi inkluż minn qabel f'kontijiet iċċertifikati ma għandux jiġi rimborżat lill-baġit tal-Unjoni, l-AC għandha tagħmel talba separata lill-Kummissjoni.	It-talba kellha ssir sal-31 ta' Marzu fis-sena N. Lebda limitu fir-regolamenti 2007-2013 għal ammonti irrekuperabbi.
Deċiżjoni li ma jiġi irkuprati l-ammonti taħt il-EUR 250 b'kontribuzzjoni mill-Fondi (ammonti de minimis)	Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jirkuprax mingħand benefiċjarju ammont, li ma jinkludix imgħax li ma jaqbiżx il-EUR 250 b'kontribuzzjoni mill-Fondi.	Ir-Regolamenti għall-2007-2013 ma kienu jinkludu 1-lebda dispożizzjoni dwar l-ammonti de minimis taħt il-EUR 250 bħala

	Ammonti bħal dawn m'hemmx għalfejn jiġi rimborżati lill-baġit tal-Unjoni.	kontribuzzjoni mill-Fondi.
--	---	----------------------------

## 2. DISTINZJONI BEJN L-IRTIRAR U L-IRKUPRU

Skont l-Artikolu 122 tar-RDK msemmi hawn fuq, l-Istati Membri huma meħtieġa li jikkoreġu u jirkupraw l-ammonti li ma kellhomx jitħallsu. L-Istati Membri għandhom żewġ għażliet (f'dan ir-rigward ma hemm l-ebda tibdil fl-approċċ fundamentali meta mqabbel mal-perjodu 2007-2013):

1) Irtirar: jiirtiraw in-nefqa irregolari mill-programm immedjatamente wara li tkun ġiet identifikata, billi jnaqqsuha mill-applikazzjoni għal pagament *interim* li jmiss, u b'hekk il-Fondi tal-UE jiġi rilaxxati għal impenn f'operazzjonijiet oħrajn, jew

2) Irkupru: għalissa jħallu n-nefqa fil-programm, sakemm joħroġ ir-riżultat tal-proċedimenti għall-irkupru tal-għotja li ma kellhiex titħallas mill-benefiċjarji, u jnaqqsu n-nefqa mill-applikazzjoni għall-pagament *interim* li jmiss biss ladarba l-irkupru jkun effettiv. F'każ ta' ammonti li għandhom jiġi rkuprati u inklużi fl-applikazzjoni għal pagament *interim* matul is-sena kontabilistika li għaliha jiġi ppreparati l-kontijiet, jekk mhux irtirati qabel, l-AĊ sejkollha tnaqqas l-ammonti irregolari meta tfassal il-kontijiet u tirrappurtahom fl-Appendiċi 8.

Kull waħda miż-żewġ opzjonijiet (irtirar jew irkupru) għandha l-vantaġġi, l-iżvantaġġi u l-implikazzjonijiet li l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw. Irtirar immedjat tan-nefqa irregolari jirrilaxxa immedjatamente l-ammont rispettiv tal-finanzjament tal-UE għal użu f'operazzjonijiet oħrajn, iżda bil-baġit nazzjonali tiegħi, l-Istat Membru jassumi r-riskju li ma jkunx jista' jerġa jirkupra mill-benefiċjarju l-finanzjament pubbliku li ma kellux jitħallas. Diferiment tal-irtirar sakemm l-irkupru effettiv mill-benefiċjarju jħalli inqas żmien għall-użu mill-ġdid tal-finanzjament tal-UE għal operazzjoni(jiet) eliġibbli oħrajn, iżda jipproteġi l-Istat Membru finanzjarjament f'każ li ma jkunx kapaċi jirkupra l-għotja mill-benefiċjarju wara li jkun eżawrixxa l-possibiltajiet ta' rkupru kollha permezz tal-qafas istituzzjonali u legali nazzjonali.

Iż-żewġ ammonti kumulattivi għal sena kontabilistika partikolari, li jirrappreżentaw “irtirar” u “irkupri”, huma maħsuba biex ikunu reċiprokament esklussivi: għalkemm wara l-irtirar l-Istat Membru normalment jirkupra l-għotja żejda jew parti tal-għotja mill-benefiċjarju (inkluż l-ammonti rtirati f'applikazzjoni għal pagament *interim* jew imnaqqsa mill-kontijiet b'rabta mas-sena kontabilistika attwali), irkupru sussegamenti bħal dan madankollu ma għandux ikun inkluż għal darb oħra fl-“ammonti rkuprati”, minħabba li dan se jwassal għal għadd doppu u mrikkeb bejn l-ammonti rrappurtati. Wara li jiġi implimentat irtirar, l-irkupru ulterjuri tal-ammont irregolari mill-benefiċjarju huwa kwistjoni nazzjonali.

Fejn in-nefqa irregolari tibqa’ fil-programm sakemm joħroġ ir-riżultat tal-proċedimenti ta’ rkupru b'rabta man-nefqa inkluża f'kontijiet iċċertifikati preċedenti, l-awtoritajiet tal-programm se jieħdu azzjoni skont id-dritt nazzjonali biex jirkupraw b'mod effettiv l-ammonti li ma kellhomx jitħallsu mill-benefiċjarju. L-irkupru mill-benefiċjarju jista' jinkiseb permezz ta’ (it-tnejn li huma jistgħu jiġi kkombinati):

- pagament lura lill-awtoritajiet tal-programm mill-benefiċjarju tal-ammont riċevut li ma kellux jitħallas; u/jew
- tpaċċija, fejn l-ammont li għandu jiġi rkuprat jitnaqqas minn pagament sussegamenti minħabba l-benefiċjarju.

Kif iddikjarat hawn fuq, l-AĊ għandha tiżgura li nefqa legali, regolari u eliġibbli biss hija ċċertifikata fil-kontijiet sottomessi lill-Kummissjoni. Mhuwiex permess li wieħed jintroduċi mill-ġdid nefqa irregolari rtirata jew imnaqqs qabel f'applikazzjoni ġdida għal pagament *interim* ħlief skont l-Artikolu 137(2) tar-RDK fejn nefqa inkluża qabel f'applikazzjoni għal pagament *interim* hija soġġetta għal valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarita ta' dik in-nefqa. L-introduzzjoni mill-ġdid f'talba għal pagament ta' sena kontabilistika sussegewenti tista' ssir biss jekk l-ammonti irregolari suspettati aktar tard instabu li kienu legali u regolari. Jekk nefqa rtirata skont l-Artikolu 137(2) tar-RDK hija sussegwentement introdotta f'applikazzjoni għal pagament *interim*, il-Kummissjoni titlob lill-AĊ biex iżżomm disponibbli l-evidenza biex tiġġustifika b'mod sħiħ l-introduzzjoni mill-ġdid ta' nefqa bħal din għal skopijiet tal-awditjar (ara t-taqSIMA 8.2.18.2.1).

### **3. L-OBBLIGU TAL-ISTATI MEMBRI BIEX JEVITAW, JIDENTIFIKAW U JIKKOREĠU L-IRREGOLARITAJIET, INKLUŻ IL-FRODI**

F'konformità mal-prinċipji ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbiliti fl-Artikoli 72 (h) u 122 (2) tar-RDK, l-Istati Membri huma responsabbi għall-miżuri li għandhom l-għan li jipprev jenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet, inkluż il-frodi, u l-irkupru ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu, flimkien ma' kwalunkwe mgħax fuq pagament tard.

Id-definizzjonijiet tal-irregolaritajiet mogħtija fir-RDK huma dawn li ġejjin:

- “irregolarità” kif definita fl-Artikolu 2(36) tfisser kwalunkwe ksur tad-dritt tal-Unjoni, jew tad-dritt nazzjonali relatati mal-applikazzjoni tiegħu, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku involut fl-implementazzjoni tal-Fondi SIE, li għandu jew sejkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jiġi addebitat oġġett ta' nefqa mhux ġustifikat għall-baġit tal-Unjoni.
- “irregolarità sistemika” kif definita fl-Artikolu 2(38) tfisser kwalunkwe irregolarità, li tista’ tkun ta’ natura rikorrenti, bi probabbiltà kbira ta’ okkorrenza f’tipi simili ta’ operazzjonijiet, li tirriżulta minn defiċjenza serja fil-funzjonament effettiv ta’ sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll, inkluż nuqqas li jiġu stabbilti proċeduri xierqa skont dan ir-Regolament u r-regoli speċifiċi għall-Fondi.

L-Artikolu 126 (c) tar-RDK jistabbilixxi li l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni hija responsabbi biex darba f’sena tiċċertifika t-lestija, il-preċiżjoni u l-veraċiṭà tal-kontijiet u li n-nefqa rreġistrata fil-kontijiet tkun konformi mad-dritt applikabbli. Il-kontijiet għandhom ikopru s-sena kontabilistika li tibda mill-1 ta’ Lulju sat-30 ta’ Ġunju (ħlief għall-ewwel sena kontabilistika li tibda mill-1 ta’ Jannar 2014 sat-30 ta’ Ġunju 2015).

#### **3.1. Implementazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji**

Wara l-approċċ annwali għall-kontijiet tal-programm għandha ssir distinzjoni bejn il-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom impatt jew fuq in-nefqa inkluża qabel f'kontijiet iċċertifikati jew fuq in-nefqa inkluża f'applikazzjoni għal pagament *interim* b'rabta mas-sena kontabilistika attwali. Is-sistema tal-IT stabbilita mill-Istat Membru sejkollha tipprovd rekord tal-awditjar adegwat skont l-operazzjoni u s-sena kontabilistika sabiex tippermetti li ssir distinzjoni bħal din.

(a) Fl-ewwel każ (ammonti diġà ċċertifikati f'kontijiet preċedenti), il-korrezzjoni finanzjarja dejjem se tkun implementata f'applikazzjoni għal pagament *interim* peress li l-Artikolu 139 (10) jistabbilixxi li l-ammonti irregolari identifikati wara s-sottomissjoni tal-kontijiet għandhom jiġu kkoreġuti fil-kontijiet għas-sena kontabilistika li fiha tkun identifikata l-irregolaritā.

Kif spjegat fit-taqSIMA 2 ta' din in-nota ta' gwida, l-Istat Membru għandu l-possibbiltà li jistenna l-proċeduri ta' rkupru jitlestew, qabel ma jirtira n-nefqa irregolari minn applikazzjoni għal pagament *interim* lill-Kummissjoni u jikkunsidraha bħala ammont li għandu jiġi rkuprat inkluż fil-kontijiet sakemm ikun hemm irkupru effettiv).

(b) Skont l-Artikoli 126 (b) u 137(1) tar-RDK li jikkorrispondu għall-Artikolu 59(5)(a) tar-Regolament Finanzjarju (RF) rivedut, il-kontijiet huma ppreparati mll-AĊ għal kull programm operazzjonali u Fond. Kif iddikjarat hawn fuq, l-AĊ għandha tiżgura li nefqa legali, regolari u eliġibbli biss hija ċċertifikata fil-kontijiet sottomessi lill-Kummissjoni. Għalhekk, kwalunkwe irregolaritā identifikata qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet b'rabta man-nefqa inkluża f'applikazzjoni għal pagament *interim* tas-sena kontabilistika li għaliha l-kontijiet huma ppreparati se tkun rimborżata lill-baġit tal-Unjoni. Għalhekk fit-tieni każ (nefqa li mhijiex diġà ċċertifikata fil-kontijiet lill-Kummissjoni iżda inkluża f'applikazzjoni għal pagament *interim* tas-sena kontabilistika li għaliha l-kontijiet għadhom mhumiex sottomessi lill-Kummissjoni), il-korrezzjoni finanzjarja hija implementata jew billi tīgi rtirata n-nefqa kkonċernata f'applikazzjoni għal pagament *interim* sussegwent fejn dan ikun għadu possibbli (mhux aktar tard mill-aħħar applikazzjoni għal pagament *interim* li għandha tīgi sottomessa bejn l-1 u l-31 ta' Lulju) jew billi jitnaqqas l-ammont irregolari direttament mill-kontijiet.

F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed ifakk li kwalunkwe ammont irregolari relatati mas-sena kontabilistika ma jistax jinżamm fil-kontijiet iċċertifikati u li muwiex possibbli li tīgi ċċertifikata nefqa li tkun qiegħda taħt valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità tagħha f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 137 (2) tar-RDK. Għalhekk, korrezzjoni finanzjarja bħal din ma tistax tīgi kkunsidraha bħala ammont li għandu jiġi rkuprat fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-kontijiet.

L-AĊ għandha tiżgura wkoll li l-ammonti relatati mal-korrezzjonijiet estrapolati deċiżi mill-AĊ biex igħiblu r-rata ta' erruri residwi (RER) taħt il-livell ta' materjalitā ta' 2% huma mnaqqsa kif suppost mill-kontijiet.

L-irregolaritajiet stabbiliti huma appoġġjati mill-kontroll finali jew mir-rapporti tal-awditjar. Meta l-proċedura kontradittorja ma kinitx inkluża fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-kontijiet (abbozz ta' kontroll jew rapporti tal-awditeur), l-ammonti kkonċernati se jiġu trattati bħala “valutazzjoni kontinwa” u l-AĊ għandha tnaqqashom mill-kontijiet, filwaqt li żżomm id-dritt li tiddikjara għal darb’oħra fis-snin kontabilistiċi sussegwent n-nefqa li sussegwentement se tkun legali u regolari.

### **3.2. Kanċellazzjoni ta' kontribuzzjoni pubblika**

Ladarba l-AĊ tkun identifikat nefqa irregolari u tkun iddeċidiet li tnaqqasha permezz tal-itrirar jew l-irkupru minn pagamenti/il-kontijiet *interim* sussegwent, l-Istat Membru mbagħad għandu jiddeċiedi dwar il-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni pubblika fl-applikazzjoni tal-Artikolu 143 tar-RDK.

L-Artikolu 143(2) tar-RDK jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa b'rabta mal-irregolaritajiet individwali jew sistemiċi identifikati fl-operazzjonijiet jew programmi operazzjonali. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom jikkonsitu fil-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni pubblika kollha jew parti minnha għal operazzjoni jew programm operazzjonali. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu rreġistrati fil-kontijiet għas-sena kontabilistika li fiha l-kanċellazzjoni hija deċiża u implimentata. Sabiex tīgħi applikata korrezzjoni proporzjonata u kanċellazzjoni sussegamenti tal-kontribuzzjoni pubblika, l-Istati Membri għandhom iqisu n-natura u l-gravità tal-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju lill-Fondi jew l-FEMS.

Skont l-Artikolu 143(4), il-kontribuzzjoni kkanċellata tista' ma tergħax tintużha għal kwalunkwe operazzjoni li kienet is-suġġett tal-korrezzjoni jew, fejn korrezzjoni finanzjarja hija magħmula għal irregolarità sistemika, għal kwalunkwe operazzjoni affettwata mill-irregolarità sistemika jiġifieri li l-użu mill-ġdid fl-istess operazzjoni mhuwiex possibbi fejn l-operazzjoni hija soġġetta għal korrezzjoni rreġistrata fil-kontijiet tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni.

### **3.3. Ammonti irrekuperabbi**

Skont ir-RDK, meta Stat Membru jqis li ammont li ma kellux jitħallas lil beneficijarju, inkluż qabel f'kontijiet iċċertifikati sottomessi lill-Kummissjoni huwa irrekuperabbi u fejn jikkunsidra li dan l-ammont ma għandux jiġi rimborżat lill-baġit tal-Unjoni, l-AĊ tista' tagħmel talba lill-Kummissjoni.

### **3.4. Divulgazzjoni fil-kontijiet**

Il-korrezzjonijiet finanzjarji kollha implementati f'applikazzjoni għal pagament *interim* matul is-sena kontabilistika se jiġu rrappurtati fil-kontijiet billi jiġu inklużi fl-Appendiċi 2 tal-Anness VII tar-RIK bħala ammonti rtirati u/jew irkuprati. F'każ li nefqa tkun digħi ċċertifikata f'kontijiet preċedenti, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jistenna li l-proċeduri ta' rkupru jiġu ffinalizzati u mbagħad l-ammonti irregolari jiġu rrappurtati fl-Appendiċi 3 tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena kontabilistika. Skont il-mudell stabbilit fiir-RIK, l-informazzjoni hija żvelata skont is-sena kontabilistika tad-dikjarazzjoni tan-nefqa korrespondenti.

Fil-każ fejn ma jkunx possibbi li jiġi rtirat l-ammont irregolari f'applikazzjoni għal pagament *interim*, l-AĊ se tnaqqas direttament mill-kontijiet u l-korrezzjoni finanzjarja korrespondenti se tiġi żvelata fl-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-RIK (rikonċiljazzjoni tan-nefqa) li jipprovd spiegazzjonijiet dwar id-differenzi fil-kolonna tal-kummenti. Parir dettaljat dwar kif wieħed għandu jissodisfa l-Appendiċi 8 huwa pprovdut fit-taqṣima 3.1.1. tan-Nota ta' Gwida dwar il-preparazzjoni, l-eżami u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet. Meta l-AĊ tnaqqas l-ammont irregolari direttament mill-kontijiet u tirrapporta dan fl-Appendiċi 8, l-ebda azzjoni oħra mhi meħtieġa f'applikazzjonijiet għal pagamenti *interim* sussegamenti.

#### 4. SOTTOMISSJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI RTIRATI U RKUPRATI MATUL IS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 2 TAL-ANNESS VII TAR-RIK)

L-informazzjoni fil-livell ta' priorità<sup>1</sup> dwar l-ammonti rtirati jew rkuprati matul is-sena kontabilistika għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Appendiċi 2 tal-Anness VII tar-RIK 1011/2014, kif indikat fit-tabella t'hawn taħt:

Priorità	IRTIRAR		IRKUPRI	
	Ammont totali eliġibbli tan-nefqa inkluż fl-applikazzjonijiet għal pagamenti	Nefqa pubblika korrespondenti	Ammont totali eliġibbli tan-nefqa inkluż fl-applikazzjonijiet għal pagamenti	Nefqa pubblika korrespondenti
	(A)	(B)	(C)	(D)
Priorità (kategorija tar-reġjun/tip ta' intervent (IIŻ) fejn applikabbi)	<type="Cu" input="M">	<type="Cu" input="M">	<type="Cu" input="M">	<type="Cu" input="M">

#### 4.1. Spjegazzjonijiet fil-kolонni (A) u (B) tal-Appendiċi 2

Il-kolonna tal-“irtirar” A u B tal-Appendiċi 2 għandhom jintużaw għal ammonti rtirati, filwaqt li titqies id-distinzjoni bejn l-irtirar u l-irkupru, kif spjegat fit-taqSIMA 2 hawn fuq.

##### 4.1.1. Kolonna A

Kolonna A tal-Appendiċi 2 tħalli n-nefqa totali eliġibbli rtirata matul is-sena kontabilistika f'applikazzjoni għal pagament *interim*. **Ammont imnaqqas fil-livell tal-AC wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal pagament *interim* finali u qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet lill-Kummissjoni ma għandux jiġi rrappurtat fl-Appendiċi 2 iżda jagħti lok għal spjegazzjonijiet dwar id-differenzi li għandhom jiġu pprovduti fil-kolonna tal-kumenti fl-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-RIK (l-appendiċi dwar ir-rikonċiljazzjoni tan-nefqa)<sup>2</sup>.**

##### 4.1.2. Kolonna B

Iċ-ċifra f'kolonna B tal-Appendiċi 2 hija n-nefqa pubblika attwali li tikkorrispondi għall-ammont totali eliġibbli tan-nefqa (kif definit fl-Artikolu 2 (15) tar-RDK). F'ċerti każżejjiet (opzjonijiet tal-kostijiet issimplifikati – pereżempju skema ta' ġħajnejha għall-impieg), l-ammont totali eliġibbli jistgħu jirriżultaw min-nefqa pubblika, f'liema każ l-ammont totali eliġibbli huwa ugħali għan-nefqa pubblika.

<sup>1</sup> Skont il-bażi ta' kalkolu, ir-rata ta' kofinanzjament fuq l-ass prioritarju għandha tīgħi applikata lin-nefqa totali jew pubblika biex tīgħi kkalkulata l-kontribuzzjoni tal-fond. F'dan ir-rigward, il-pjan ta' finanzjament li għandu jiġi kkunsidrat huwa dak validu fl-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal pagament interim finali għal sena kontabilistika partikolari.

<sup>2</sup> Ara wkoll in-Nota ta' Gwida dwar il-preparazzjoni, l-eżami u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet

## **4.2. Spiegazzjonijiet fil-kolonna (C) u (D) tal-Appendiċi 2**

Il-kolonna tal-“irkupri” għandha tintuża għal ammonti rkuprati matul is-sena kontabilistika, filwaqt li titqies id-distinzjoni bejn l-irtirar u l-irkupru, kif spjegat fit-taqSIMA 2 hawn fuq.

### *4.2.1. Kolonna C*

Kolonna C tinkludi n-nefqa totali eliġibbli mnaqqa b’riżultat tal-irkupri, li tikkorrispondi għall-ammonti irregolari identifikati u rkuprati matul is-sena kontabilistika. Din hija ċifra kumulattiva għal sena kontabilistika partikolari.

### *4.2.2. Kolonna D*

In-“nefqa pubblika korrespondenti” imsemmija hija l-ammont totali tan-nefqa pubblika (kemm kofinanzjament tal-UE kif ukoll dak nazzjonali)

Skont il-mudell stabbilit fiir-RIK, l-AĊ għandha tqis li tiżvela l-informazzjoni fit-tabella skont is-sena kontabilistika tad-dikjarazzjoni tan-nefqa korrespondenti inkluża dik li għaliha huma ppreparati l-kontijiet.

## **5. SOTTOMISSJONI TA’ INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI RKUPRATI MATUL IS-SENA KONTABILISTIKA SKONT L-ARTIKOLU 71 TAR-RDK - DURABILITÀ TAL-OPERAZZJONIJET (APPENDIĊI 4 TAL-ANNESS VII TAR-RIK)**

Priorità	IRKUPRI	
	Ammont totali eliġibbli tan-nefqa (A)	Nefqa pubblika korrespondenti (B)
Priorità (kategorija tar-reġjun/tip ta’ intervent (IIŻ) fejn applikabbi)	<type=“Cu” input=“M”>	<type=“Cu” input=“M”>

L-Artikolu 71 tar-RDK huwa relatat mar-rekwiżit tad-durabilità tal-operazzjonijiet. F’każ ta’ nuqqas ta’ rispett ta’ dan ir-rekwiżit, l-ammonti li ma kellhomx jitħallsu fir-rigward tal-operazzjoni għandhom jiġu rkuprati mill-Istat Membru bi proporzjon għall-perjodu li għalihi ir-rekwiżit ma ġiex sodisfatt. L-informazzjoni dwar l-ammonti tal-irkupri magħmulin skont l-Artikolu 71 għandha tīgi sottomessa lill-Kummissjoni bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Appendiċi 4 tal-Anness VII tar-RIK 1011/2014 u teskludi l-ammonti rrappurtati fl-Appendiċi 2 tal-Anness VII tar-RIK 2011/2014.

## **6. SOTTOMISSJONI TA’ INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI LI GĦANDHOM JIĠU RKUPRATI FL-AĦĦAR TAS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 3 TAL-ANNESS VII TAR-RIK)**

	Ammont totali eliġibbli tan-	Nefqa pubblika korrespondenti
--	------------------------------	-------------------------------

Prioritā	nefqa (A)	(B)
Prioritā (kategorija tar-reġjun/tipa' intervent (IIŻ) fejn applikabbi)	<type="Cu" input="M">	<type="Cu" input="M">

L-informazzjoni fil-livell ta' prioritā dwar l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena kontabilistika għandha tīgi sottomessa lill-Kummissjoni bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Appendiċi 3 tal-Anness VII tar-RIK 1011/2014.

L-ammonti rrappurtati li għandhom jiġu rkuprati (imsejħin ukoll "irkupri pendent") huma relatati mal-ammonti ċċertifikati f'kontijiet preċedenti u li għalihom inħarġu ordnijiet ta' rkupru lill-benefiċjarji, iżda għadhom ma ġewx rimborżati mill-benefiċjarji fl-aħħar tas-sena kontabilistika.

Għalhekk, informazzjoni dwar l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena kontabilistika huma differenti mill-ammonti rrappurtati skont l-Appendiċi 2 (ammonti rtirati u ammonti rkuprati matul is-sena kontabilistika), l-Appendiċi 4 (dwar l-ammonti rkuprati matul is-sena kontabilistika skont l-Artikolu 71 tar-RDK (durabilità tal-operazzjonijiet)) 'il fuq u mill-ammonti mnaqqa fil-kontijiet u rrappurtati fl-Appendiċi 8.

L-informazzjoni rrappurtata fl-Appendiċi 3 ġejja mill-ktieb tad-debituri tal-AĊ. Hija turi sisitwazzjoni fl-aħħar tas-sena kontabilistika. Għalhekk il-qasma permezz tas-sena kontabilistika tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandha tīgi pprovduta għal skopijiet ta' rekord tal-awditjar.

## 6.1. Spjegazzjonijiet fil-kolonna (A) u (B) tal-Appendiċi 3

### 6.1.1. Kolonna A

Fil-kolonna A tal-Appendiċi 3, l-ammont totali eliġibbli tan-nefqa li għandha tīgi rkuprata għandha tīgi rrappurtata b'mod kumulattiv. Dan ifisser li l-ammonti li ġew irrapprtati bħala rkupri pendent taħt il-perjodu kontabilistiku, għandhom jerġgħu jiġu inklużi bħala rkupri pendent (jiġifieri ammonti li għandhom jiġu rkuprati) għall-perjodu kontabilistiku in kwistjoni, sakemm ma jkunux ġew irkpuprati (f'liema każ għandhom jiġu rrappurtati bħala rkuprati fl-Appendiċi 2) jew sakemm ikunu irrekuperabbli (f'liema każ għandhom jiġu rrappurtati bħala ammonti irrekuperabbli).

Ta' min isemmi li l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati skont l-Artikolu 71 (durabilità tal-operazzjonijiet) fl-aħħar tas-sena kontabilistika għandhom ikunu inklużi wkoll f'din it-tabella.

Wara li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu fittxew il-possibbiltajiet ta' rkupru disponibbli kollha permezz tal-qafas legali u istituzzjonali nazzjonali, l-irkupri pendent jistgħu jitqiesu bħala irrekuperabbli. Meta dan ikun il-każ, ammonti irrekuperabbli bħal dawn ma għandhomx jiġu rrappurtati taħt l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena kontabilistika fl-Appendiċi 3 iżda għandhom jiġu rrappurtati bħala ammonti irrekuperabbli fl-aħħar tas-sena kontabilistika (fl-Appendiċi 5 – ara aktar 'l-isfel taħt it-taqsimha 6).

### 6.1.2. Kolonna B

In-“nefqa pubblika korrespondenti” imsemmija fil-kolonna B tal-Appendiċi 3 hija l-ammont korrispondenti tan-nefqa pubblika (kemm kofinanzjament tal-UE u nazzjonali)

## 7. SOTTOMISSJONI TA’ INFORMAZZJONI DWAR L-AMMONTI IRREKUPERABBLI FL-AĦĦAR TAS-SENA KONTABILISTIKA (APPENDIĊI 5 TAL-ANNESS VII TAR-RIK)

Priorità	AMMONTI IRREKUPERABBLI		
	Ammont totali eliġibbli tan-nefqa (A)	Nefqa pubblika korrespondenti (B)	Kumment (Obbligatorju) (C)
Priorità (kategorija tar-reġjun/tip ta’ intervent (IIZ) fejn applikabbi)	<type=“Cu” input=“M”>	<type=“Cu” input=“M”>	<type=“S” maxlength=“1500” input=“M”>

Id-dikjarazzjoni dwar l-ammonti irrekuperabbi fil-livell ta’ priorità fl-aħħar tas-sena kontabilistika, *relatata mal-ammonti li ma kellhomx jitħallsu lill-benefiċjarji li kienu ċċertifikati f’kontijiet preċedenti sottomessi lill-Kummissjoni*, għandha tīgi trażmessha lill-Kummissjoni bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Appendiċi 5 tal-Anness VII tar-RIK 1011/2014. L-ammonti li għandhom jiġu rrappurtati mhumiex kumulattivi sena wara sena: dan ifisser li ammonti irrekuperabbi digħi rrappurtati f’kontijiet preċedenti ma għandhomx ikunu inklużi għall-perjodu kontabilistiku attwali, minħabba li jkunu ġew ikklirjati f’kontijiet taħt snin preċedenti (ara t-taqSIMA 8 hawn taħt).

Fir-rigward tal-ammonti irrekuperabbi rrappurtati fl-Appendiċi 5, l-Istati Membri huma responsabbi għar-rimborż tal-ammont ikkonċernat lill-baġit tal-Unjoni, sakemm ma jkunux għamlu talba lill-Kummissjoni sal-15 ta’ Frar lill-Kummissjoni skont il-proċedura prevista fir-RDK li l-baġit tal-Unjoni jerfa’ s-sehem tiegħi tal-konsegwenzi finanzjarji. F’każi jiet eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista’ testendi d-data ta’ skadenza sal-1 ta’ Marzu, fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat.

Kif indikat fl-Appendiċi 5, it-taqSIMA tal-kummenti fl-aħħar kolonna hija obbligatorja. Huwa rrakkommendat li l-kolonna tal-kummenti tinkludi informazzjoni dwar l-ammonti irrekuperabbi aggregati fl-ass prioritarju li, fil-fehma tal-Istat Membru, għandhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni. Huwa possibbi wkoll li jiġu inklużi aktar kummenti li jappoġġjaw it-talba.

L-informazzjoni sottomessa dwar l-ammonti irrekuperabbi fl-Appendiċi 5 fil-livell ta’ priorità hija għal skopijiet ta’ informazzjoni biss u ma tilliberax lill-Istat Membri mill-obbligu li jirrimborżaw kontribuzzjoni tal-UE irrekuperabbi lill-baġit tal-Unjoni. Sabiex issir talba lill-Kummissjoni li l-ammonti irrekuperabbi ma għandhomx jiġu rimborżati lill-baġit tal-Unjoni, l-Istat Membri għandhom jibdew proċedura parallela separata li r-regoli għaliha ġew stabiliti fir-RDK (ara t-taqSIMA 8).

## **8. PARIR DWAR IT-TLESTIJA TAL-ANNESS VII TAR-RIK 1011/2014**

### **8.1. Ġenerali**

#### *8.1.1. Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa fil-livell ta' priorità*

L-ammonti kollha mdaħħlin fl-appendiċi tal-Anness VII tar-RIK 1011/2014 tal-kontijiet huma aggregati fil-livell ta' kull priorità u, fejn applikabbli, fil-kategorija tar-reġjuni/tip ta' intervent tal-IIŻ.

#### *8.1.2. Format meħtieġ*

Iċ-ċifri kollha huma bl-Euro, b'massimu ta' żewġ deċimali.

#### *8.1.3. Rata tal-kambju li għandha tintuża mill-pajjiżi li mhumiex fīż-żona tal-Euro*

Skont l-Artikolu 133 tar-RDK, l-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom fid-data ta' applikazzjoni għal pagament għandhom jaqilbu l-ammonti tan-nefqa mġarrba fil-munita nazzjonali f'euro. Dawk l-ammonti għandhom jinqelbu f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kontabilità kull xahar tal-Kummissjoni fix-xahar li fih in-nefqa tkun għiet irregistrala fil-kontijiet tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni tal-programm operazzjonali kkonċernat.

Meta l-euro ssir il-munita ta' Stat Membru, il-proċedura ta' konverżjoni stabbilita f'paragrafu 1 għandha tibqa' tapplika għal kull nefqa rreġistrata fil-kontijiet mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni qabel id-data tad-dħul fis-sejjħ tar-rata ta' konverżjoni fissa bejn il-munita nazzjonali u l-euro.

#### *8.1.4. Aġġustamenti magħmulin għal raġunijiet tekniċi jew żbalji klerikali*

Aġġustamenti magħmulin għal raġunijiet tekniċi jew żbalji klerikali mhumiex ikkunsidrati korrezzjonijiet finanzjarji u għalhekk ma għandhomx jiġu inklużi fir-rappurtar dwar l-irtirar u l-irkuprar tan-nefqa, l-irkupri pendenti u l-ammonti irrekuperabbli. Madankollu rekord tal-auditjar adegwat se jinżamm fis-sistema kontabilistika tal-AĊ.

F'każ ta' ammonti li ġew inklużi fl-applikazzjoni għal pagament *interim* finali tas-sena kontabilistika li għaliha huma ppreparati l-kontijiet, sabiex jippermettu r-rikonċiljazzjoni tan-nefqa, dawn l-aġġustamenti negattivi għandhom jitnaqqsu mill-kontijiet u rrappurtati fl-Appendiċi 8.

Bħala regola ġenerali, il-korrezzjonijiet negattivi li b'hekk inaqqsu n-nefqa ddikjarata fl-applikazzjoni għal pagament *interim* finali jistgħu jsiru fil-kontijiet. Madankollu l-korrezzjonijiet pożittivi għandhom jiġu kkoreġuti f'applikazzjoni għal pagament *interim* sussegwenti u mhux fil-kontijiet.

#### *8.1.5. Qsim tal-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena kontabilistika permezz tas-sena kontabilistika tad-dikjarazzjoni tan-nefqa*

Rekords kontabilistiċi miżmuma fil-livell tal-AĊ għandhom jippermettu r-rikonċiljazzjoni fattwali u temporali tal-ammonti kollha rrappurtati fl-Appendiċi tal-Anness VII tar-RIK.

Fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni temporali l-AĊ għandha tkun tista' tiddetermina r-rabta bejn n-nefqa irregolari u s-sena kontabilistika relatata. Pereżempju, jekk fis-sena kontabilistika N+1, l-awtorità tal-immaniġġjar tirtira jew tirkupra n-nefqa ċċertifikata fil-kontijiet għas-sena kontabilistika N, imbagħad in-nefqa mhux eliġibbli relatata għandha tiġi rrappurtata fost l-

ammonti kkoreġuti b'rabta mas-sena kontabilistika N fil-kontijiet għas-sena kontabilistika N+1 (ara s-sotto-tabelli: "Qsim tal-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena kontabilistika permezz tas-sena kontabilistika tad-dikjarazzjoni tan-nefqa korrespondenti).

#### *8.1.6. Divulgazzjoni tal-ammonti kkoreġuti b'riżultat tal-awditjar tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 127 (1) tar-RDK.*

Meta jitlestew l-appendiċi 2, 3, 4 u 8 tal-Anness VII tar-RIK, l-AĊ hija mitluba li tiżvela l-ammonti kkoreġuti b'riżultat tal-awditjar tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 127 (1) tar-RDK.

Sabiex wieħed ikun konsistenti man-Nota ta' Gwida dwar ir-Rapport Annwali ta' Kontroll u l-Opinjoni tal-Auditjar (EGESIF\_15-0002-02 tad-09/10/2015)<sup>3</sup> u sabiex wieħed ikollu rekord tal-awditjar adegwat għall-iskop tal-kalkolu tar-rata ta' erruri residwi tal-AA, l-ammont li għandu jiġi rrappurtat b'riżultat tal-awditjar tal-operazzjonijiet jista' jinkludi wkoll korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru wara li l-AA tkun ħarġet il-kampjun tagħha jekk korrezzjonijiet bħal dawn ikollhom l-intenzjoni li jnaqqsu r-riskji identifikati mir-rata ta' erruri proġettata totali tal-AA. Eżempju tipiku huwa meta jkun hemm korrezzjonijet magħmul fuq bażi tax-xogħol tal-AĊ mwettaq meta tiġi determinata l-estensjoni tal-irregolaritajiet sistemiċi identifikati mill-AA fl-awditjar tal-operazzjonijiet tagħha.

#### *8.1.7. Total/Pubbliku*

Meta timla l-appendiċiċijet tal-Anness VIII tar-RIK, l-AĊ dejjem tipprovdi l-ammonti totali u pubbliċi (anke jekk il-bażi ta' kalkolu tkun pubblika, l-AĊ għandha dejjem tiddikjara n-nefqa totali). Data nieqsa f'kolonna tista' twassal għal dewmien fl-aċċettazzjoni tal-kontijiet mill-Kummissjoni.

#### *8.1.8. Imgħax*

Skont l-Artikolu 122(2) tar-RDK, l-Istati Membri għandhom jirkupraw l-ammonti li ma kellhomx jitħallsu, flimkien ma' kwalunkwe mgħax fuq pagament tard. Normalment jintalab imgħax inadempjenti jekk isiru pagamenti lura wara l-iskadenza stabbilita fl-ordni ta' rkupru. Imgħax bħal dan miksub minħabba pagament tard għandu jiżdied mal-ammonti rkuprati.

### **8.2. Tnaqqis mill-kontijiet tal-ammonti relatati mal-applikazzjoni għall-pagamenti magħmulin matul is-sena kontabilistika**

#### *8.2.1. Valutazzjoni (iffinalizzata jew mhux iffinalizzata) tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal pagament interim finali sal-31 ta'Lulju fis-sena N-1 u qabel it-trażmissjoni tal-kontijiet (sal-15 ta' Frar fis-sena N)*

Ammonti li ġew inklużi fl-applikazzjoni għal pagament *interim* finali ta' sena kontabilistika jistgħu jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa, wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal pagament *interim* finali u qabel it-trażmissjoni tal-kontijiet fil-15 ta' Frar fis-sena N.

a) Jekk il-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tkun *għiet iffinalizzata* qabel it-trażmissjoni tal-kontijiet lill-Kummissjoni (15 ta' Frar fis-sena N) ix-xenajri li ġejjin huma possibbli:

<sup>3</sup> Ara l-aħħar paragrafu tal-paġna 15

- jekk l-ammonti huma kkonfermati eliġibbli jistgħu jiġu ċċertifikati fil-kontijiet.
- jekk l-ammonti jinstabu li mhumiex eliġibbli, għandhom jitnaqqsu mill-kontijiet u mhux jitqiesu għall-kalkolu tal-bilanċ. Tnaqqis bħal dan sejkun żvelat fl-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-RIK (rikonċiljazzjoni ta' nefqa) bi spjegazzjonijiet dwar id-differenzi fil-kolonna tal-kummenti.

b) Jekk il-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità *ma tkunx ġiet iffinalizzata* (ara l-Artikolu 137(2) tar-RDK) qabel it-trażmissjoni tal-kontijiet lill-Kummissjoni (15 ta' Frar fis-sena N), dawn l-ammonti għandhom jitnaqqsu mill-kontijiet u għalhekk mhumiex se jitqiesu għall-kalkolu tal-bilanċ. Tnaqqis bħal dan sejkun żvelat fl-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-RIK (rikonċiljazzjoni ta' nefqa) bi spjegazzjonijiet dwar id-differenzi fil-kolonna tal-kummenti.

Wara r-riżultati tal-valutazzjoni, iż-żewġ xenarji li ġejjin huma possibbli:

- l-ammonti li huma eliġibbli jistgħu jiġu inklużi f'applikazzjoni għal pagament *interim* f'sena kontabilistika sussegwenti skont l-Artikolu 137(2) tar-RDK.
- jekk l-ammonti huma inelgħibbli, l-ebda azzjoni oħra mhi meħtieġa.

### **8.3. Irtirar tal-ammonti li jkunu nstabu li huma irregolari wara s-sottomissjoni tal-kontijiet**

Skont l-Art 139 (10) tar-RDK, l-Istati Membri jistgħu jissotitwixxu l-ammonti irregolari li huma identifikati wara s-sottomissjoni tal-kontijiet, sakemm il-Kummissjoni jew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ma tidentifikax qabel l-Istat Membru, defiċjenza serja fil-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll fejn l-Artikoli 144 u 145 dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji japplikaw.

Sostituzzjoni tan-nefqa tinsab fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 143 tar-RDK.

Pereżempju, jekk wieħed jassumi li irregolarità hija identifikata mill-Istat Membru f'Marzu 2017 wara s-sottomissjoni tal-kontijiet sal-15 ta' Frar 2017 (b'rabta man-nefqa ċċertifikata taħt il-perjodu kontabilistiku 01/07/2015 – 30/06/2016), għandhom jittieħdu l-passi korrettivi li ġejjin mill-Istat Membru:

1. L-Istati Membri għandhom jirtiraw ammont ekwivalenti tan-nefqa minn applikazzjoni għal pagament *interim* sussegwenti (pereżempju f'Ġunju 2017) u jistgħu jissostitwixxuha b'nefqa regolari ġdida.
2. Il-kontijiet korrespondenti (01/07/2016 – 30/06/2017) għandhom jirriflettu dawn il-korrezzjonijiet kif meħtieġ (ir-reġistrazzjoni tal-irtirar ta' ammont irregolari mis-sena kontabilistika ta' qabel fl-Appendiċi 2 u r-reġistrazzjoni ta' nefqa irregolari fl-Appendiċi 1, kif rilevanti).

Eżempju simili meta l-opzjonijiet ta' rkupru jintużaw minn Stat Membru jidher taħt is-sejjonni 8.4 hawn taħt.

#### **8.4. Kwistjonijiet relatati mal-irkupru tal-ammonti li nstabu li huma rregolati wara s-sottomissjoni tal-kontijiet.**

*Eżempju: in-nefqa korrispondenti ġiet inkluża fl-Appendiċi 1 tal-kontijiet (pereżempju 01/07/2015 – 30/06/2016)*

a) Jekk ammont li ġie ċċertifikat qabel f'kontijiet lill-Kummissjoni jiġi rkuprat (pereżempju f'Settembru 2017), għandu jitnaqqas minn applikazzjoni għal pagament sussegwenti (pereżempju f'Diċembru 2017) u rrappurtat taħt l-Appendiċi 2 tal-kontijiet għall-perjodu kontabilistiku relata li fih ikun sar l-irkupru (01/07/2017 – 30/06/2018 u b'rabta mal-kontijiet li għandhom jiġu sottomessi sal-15/02/2019).

b) Jekk l-ammont għad irid jiġi rkuprat (bħal pereżempju fit-30/06/2018), għandu jiġi rrappurtat fl-Appendiċi 3 tal-kontijiet relatati mal-perjodu kontabilistiku li fih ikun sar l-irkupru pendenti (01/07/2017 – 30/06/2018 u b'rabta mal-kontijiet li għandhom jiġu sottomessi sal-15/02/2019). Jekk ammont għad irid jiġi rkuprat matul diversi perjodi kontabilistiċi suċċessivi, għandu jiġi ddikjarat ripetutament taħt kull sett ta' kontijiet.

c) Jekk l-ammont, wara li jkun eżawrixxa l-possibbiltajiet ta' rkupru disponibbli kollha permezz tal-qafas istituzzjonal u legali nazzjonali (ara xenarju b) hawn fuq), ma jistax jiġi rkuprat u jitqies irrekuperabbli (pereżempju f'Marzu 2018), għandu jiġi ddikjarat fl-Appendiċi 5 taħt il-kontijiet b'rabta mal-perjodu kontabilistiku li fih ġie stabbilit in-nuqqas ta' rkupru (01/07/2017 – 30/06/2018 u b'rabta mal-kontijiet li għandhom jiġu sottomessi sal-15/02/2019). Ir-riżultat tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-ammonti irrekuperabbli jista' jkun li:

- l-ammont irrekuperabbli ma għandux jiġi rimborżat lill-baġit tal-Unjoni, minħabba li l-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda tort jew negliżenza tal-Istat Membru (ara l-kundizzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati biex jiġi determinat jekk l-ammonti li huma irrekuperabbli għandhomx jiġi rimborżati mill-Istati Membri taħt is-sezzjoni 9 hawn taħt).

- jew, jekk l-ammont irrekuperabbli għandu jitħallas mill-baġit tal-Istat Membru, imbagħad għandu jiġi rtirat mill-applikazzjoni għal pagament *interim* li jmiss sottomessa mill-Istat Membru (pereżempju f'Diċembru 2018) u rrappurtat taħt l-Appendiċi 2 (rtirar) tal-kontijiet korrispondenti (kontijiet għall-01/07/2018 – 30/06/2019 u b'rabta mal-kontijiet li għandhom jiġu sottomessi sal-15/02/2020)

Imgħax inadempjenti jista' jintalab minn Stat Membru meta l-irkupru jsir wara l-iskadenza stabbilita fl-ordni ta' rkupru. Imgħax bħal dan miksub għandu jiġi miżjud mal-ammont imnaqqas min-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni.

#### **9. IL-KUNDIZZJONIJIET U L-PROċEDURI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI BIEX JIġi DETERMINAT JEKK L-AMMONTI LI HUMA IRREKUPERABBLI GĦANDHOMX JIĠU RIMBORŻATI MILL-ISTATI MEMBRI**

Ir-RDK jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati biex jiġi determinat jekk l-ammonti li huma irrekuperabbli għandhomx jiġi rimborżati mill-Istati Membri: fejn Stat Membru jqis li ammont li ma kellux jitħallas lil beneficijarju li kien inkluż qabel f'kontijiet ċċertifikati sottomessi lill-Kummissjoni huwa irrekuperabbli u fejn iqis li dan l-ammont ma għandux jiġi rimborżat lill-baġit tal-Unjoni, l-AĊ għandha tagħmel talba lill-Kummissjoni. Talbiet bħal dawn jistgħu jkunu applikabbli biss għal ammonti li qabel kienu ċċertifikati f'kontijiet sottomessi lill-Kummissjoni.

L-AĊ għandha tissottometti t-talba fil-livell ta' kull operazzjoni u sena kontabilistika fil-format stabbilit fl-Anness tal-RDK imsemmi hawn fuq sal-15 ta' Frar fl-SFC 2014 (jiġifieri sal-istess skadenza bħas-sottomissjoni tal-kontijiet).

Mal-wasla ta' talba bħal din fl-SFC, is-servizzi tal-Kummissjoni mbagħad se jirrevedu kull każ fit-tabella, filwaqt li jqisu kwalunkwe ċirkostanzi speċifiċi u l-qafas istituzzjonali u legali tal-Istat Membru. Ir-RDK jinkludi lista ta' elementi li jindikaw tort jew negliżenza tal-Istat Membru. Din il-lista hija biss indikattiva u mhux eżawrjenti. Ir-Regolament Delegat jindika li elementi oħrajn li mhumiex imniżżlin jistgħu jitqiesu jekk jindikaw tort jew negliżenza.

Wara din il-valutazzjoni sal-31 ta' Mejju tas-sena li fiha l-kontijiet jiġu sottomessi, il-Kummissjoni se jew:

- a) titlob lill-Istat Membru bil-miktub biex jissottometti aktar informazzjoni dwar il-miżuri amministrattivi u legali meħudin biex tīgħi rkuprata kwalunkwe kontribuzzjoni tal-Unjoni li ma kellhiex titħallas lill-benefiċjarji; jew
- b) tinforma lill-Istat Membru bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħhom biex ikomplu l-proċedura ta' rkupru.

F'każ li l-Kummissjoni ma tkun ġadet l-ebda azzjoni sal-31 ta' Mejju, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ma għandhiex tīgħi rimborżata mill-Istat Membru.

L-iskadenza tal-31 ta' Mejju ma għandhiex tapplika għal dawk l-irregolaritajiet li jiġu qabel falliment jew każijiet ta' suspect ta' frodi.

L-Istat Membru għandu jwieġeb għat-talba tal-Kummissjoni fi żmien tliet xħur u f'każ li l-Istati Membri ma jissottomettux aktar informazzjoni kif mitlub, il-Kummissjoni għandha tkompli l-valutazzjoni tagħha abbażi tal-informazzjoni disponibbi.

Fi żmien tliet xħur mill-wasla tat-tweġiba mill-Istat Membru, jew, fin-nuqqas ta' tweġiba mill-iskadenza, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru jekk tkunx ikkonkludiet li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandhiex tīgħi rimborżata mill-Istat Membru, filwaqt li tistabbilixxi l-bażi għall-konklużjoni tagħha, u titlob lill-Istat Membru biex jipprovd i-l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn.

Fi żmien sitt xħur wara l-iskadenza għall-osservazzjonijiet mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi l-valutazzjoni tagħha u meta tinsisti fuq il-konklużjoni tagħha li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tīgħi rimborżata mill-Istat Membru, għandha tieħu deċiżjoni.

Għall-iskop tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni li għandha tīgħi rimborżata mill-Istat Membru, għandha tapplika r-rata ta' konfinanzjament fil-livell ta' kull livell ta' priorità, kif stipulat fil-pjan ta' finanzjament fis-seħħi fiż-żmien tat-talba. Jekk l-ammont irrekuperabbli għandu jitħallas mill-baġit tal-Istat Membru, imbagħad għandu jiġi rtirat mill-applikazzjoni għall-pagament li jmiss sottomessa mill-Istat Membru.

## **10. AMMONTI LI STAT MEMBRU JIDDEċIEDI LI MA JIRKUPRAX U LI MA JAQBŻUX IL-EUR 250 B'KONTRIBUZZJONI MILL-FONDI**

Rigward l-ammonti taħt il-EUR 250 (jew oħrajn jekk Stat Membru japplika limitu aktar baxx) b'kontribuzzjoni mill-Fondi li Stat Membru jiista' jiddeċiedi li ma jirkuprax, l-ebda informazzjoni ma teħtieġ li tīgħi kkomunikata lill-Kummissjoni skont ir-RDK.

Il-limitu ta' EUR 250 għandu jiġi kkalkulat skont l-operazzjoni (wara d-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 tar-RDK) u s-sena kontabilistika.

Minn dan jirriżulta li l-ebda valutazzjoni ta' tort jew negliżenza possibbli tal-Istat Membru rigward l-ammonti taħt il-EUR 250 b'kontribuzzjoni mill-Fondi mhi se ssir mill-Kummissjoni skont ir-RDK.

Ammonti taħt il-EUR 250 b'kontribuzzjoni mill-Fondi għandhom jiġu inklużi fl-Appendiċi 1 tal-kontijiet iż-żda m'hemmx għalfejn jiġu rrappurtati fl-Appendiċi 5 tal-Anness VII tar-RIK 1011/2014, minħabba li ammonti de minimis bħal dawn, li Stat Membru ddeċieda li ma jirkuprax, mhumiex ikkategorizzati bħala ammonti irrekuperabbli per se.

Fir-rigward tal-programmi skont l-għan ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea kif irregolat mir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> (“Programm tal-KTE”), huma l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi programm tal-KTE partikolari li għandhom jiddeċiedu li la l-benefiċjarju ewlieni u lanqas l-awtorità tal-immaniġjar tal-programm ma huma obbligati jirkupraw ammont li ma kellux jitħallas li ma jaqbiżx il-EUR 250, li ma jinkludix imgħax, b'kontribuzzjoni mill-Fondi.

## **11. SOMMARJU. KIF GĦANDHOM JIĠU TRATTATI L-IRREGOLARITAJET FIL-KONTIJIET**

Bħala sommarju tat-taqsimiet t'hawn fuq, il-korrezzjonijiet finanzjarji tal-ammonti irregolari identifikati għandhom jiġu implementati fil-kontijiet kif ġej:

1. L-irregolaritajiet li jirreferu għan-nefqa ċċertifikata f'sena kontabilistika partikolari u li jiġu identifikati qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal pagament *interim* finali għandhom jiġu trattati bħala ammonti rtirati jew rkuprati u għalhekk għandhom inaqqsu n-nefqa ddikjarata fl-applikazzjoni għal pagament *interim* finali u mbagħad għandhom jiġu ppreżentati fl-appendiċi 2 tal-kontijiet;
2. L-irregolaritajiet li jirreferu għan-nefqa ċċertifikata f'sena kontabilistika partikolari identifikati wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal pagament *interim* iż-żda qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet għandhom inaqqsu n-nefqa ppreżentata fl-appendiċi 1 tal-kontijiet u spjegata fl-appendiċi 8. L-ebda azzjoni oħra ma hija meħtieġa la fl-appendiċi 2 tal-kontijiet u lanqas fl-applikazzjoni jiet għal pagamenti *interim* tas-sena kontabilistika sussegwenti.
3. L-irregolaritajiet identifikati wara s-sottomissjoni tal-kontijiet jistgħu jiġi trattati bħala ammonti rtirati jew irkuprati u għandhom jitnaqqsu minn applikazzjoni għal pagament *interim* tas-sena kontabilistika li fiha l-irregolaritā hija identifikata u għandhom jiġu ppreżenatati fl-appendiċi 2 tal-kontijet fis-sena kontabilistika meta jitnaqqsu l-ammonti).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjoni speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.